# DIRETTIVA 2006/121/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-18 ta' Diċembru 2006**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi sabiex tadattaha għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[2],

1 ĠU C 294, 25.11.2005, p. 38.

2 Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2005 (ĠU C 280 E, 18.11.2006, p.440), Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-27 ta' Ġunju 2006(ĠU C 276 E, 14.11.2006, p. 252), u Posizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006(għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

Fid-dawl ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006[+1], id-Direttiva 67/548/KEE[2] għandha tiġi adattata u r-regoli tagħha dwar in-notifika u l-istima tar-riskji ta' sustanzi kimiċi għandhom jitħassru,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 67/548/KEE hija emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 1, paragrafu 1, il-punti (a), (b), u (ċ) għandhom jiġu mħassrin;

2) fl-Artikolu 2, paragrafu 1, il-punti (ċ), (d), (f) u (g) għandhom jiġu mħassrin;

3) l-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*" Artikolu 3*
*L-ittestjar u l-valutazzjoni tal-proprjetajiet ta' sustanzi*

It-testijiet fuq sustanzi mwettqa fil-qafas ta' din id-Direttiva għandhom jitmexxew skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi*.

___

* ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.";

___

1 Ara paġna 1 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.
2 ĠU 196, 16.8.1967, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, 30.4.2004, p. 1). Direttiva korretta fil-ĠU L 216, 16.6.2004, p. 3.

4) l-Artikolu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jkunux jistgħu jitqiegħdu fis-suq sustanzi, waħedhom jew fi preparazzjonijiet, sakemm l-imballaġġ u l-ittikkettar tagħhom ma jkunux skond l-Artikoli 22 sa 25 ta' din id-Direttiva u skond il-kriterji fl-Anness VI ta' din id-Direttiva, u, għal sustanzi reġistrati, skond l-informazzjoni miksuba permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ħlief fil-każ ta' preparazzjonijiet fejn ikunu jeżistu dispożizzjonijiet f'Direttivi oħrajn.";

(b) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw sa meta s-sustanza tiġi elenkata fl-Anness I jew sa meta tittieħed deċiżjoni sabiex din ma tiġix elenkata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29.";

5) l-Artikoli 7 sa 15 għandhom jiġu mħassrin;

6) l-Artikolu 16 għandu jiġi mħassar;

7) l-Artikoli 17 sa 20 għandhom jiġu mħassrin;

8) l-Artikolu 27 għandu jiġi mħassar;

9) l-Anness 32 għandu jiġi sostwit kif gej:

"*Artikolu 32*

*Referenzi*

Ir-referenzi għall-Annessi VIIA, VIIB, VIIC, VIID u VIII ta' din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala referenzi għall-Annessi korrispondenti, VI, VII, VIII, IX, X u XI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.";

10) l-Anness V għandu jiġi mħassar;

11) l-Anness VI għandu jiġi emendat kif gej:

(a) fit-Taqsimiet 1.6.2, 1.7.2, 1.7.3, 2.1, 2.2.1, 2.2.2, 2.2.2.1, 2.2.3, 2.2.4, 2.2.5, 3.1.1, 3.1.5.1, 3.1.5.2, 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3, 3.2.5, 3.2.6.1, 3.2.6.2, 3.2.7.2, 4.2.3.3, 5.1.3, 9.1.1.1, 9.1.1.2, 9.3 u 9.5 ta' dan l-Anness, il-kliem "Anness V" u "Anness V ta' din id-Direttiva" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar il-metodi ta' l-ittestjar kif speċifikat fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

(b) fit-Taqsima 1.6.1, il-punt (a), għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fir-rigward ta' sustanzi li għalihom tkun meħtieġa l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi VI, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-parti l-kbira tad-data meħtieġa għall-klassifikazzjoni u għall-ittikettar tidher fis-sett bażi. Din il-klassifikazzjoni u dan l-ittikettar għandhom jiġu riveduti, jekk ikun meħtieġ, meta tkun disponibbli aktar informazzjoni (Annessi IX u X tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006);";

(ċ) fit-Taqsima 5.1, it-tieni paragrafu għandhu jiġu sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kriterji stabbiliti hawn taħt isegwu direttament mill-metodi ta' l-ittestjar stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ittestjar kif speċifikat fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 sa fejn dawn ikunu msemmija. Il-metodi ta' l-ittestjar meħtieġa għas-sett bażi msemmi fl-Annessi VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma limitati u l-informazzjoni miksuba minnhom tista' tkun insuffiċjenti għal klassifikazzjoni adegwata. Il-klassifikazzjoni tista' tkun teħtieġ data addizzjonali miksuba mill-Annessi IX jew X tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew minn studji ekwivalenti oħra. Barra minn hekk, is-sustanzi klassifikati jistgħu jkunu suġġetti għal reviżjoni fid-dawl ta' *data* oħra ġdida.";

(d) fit-Taqsima 5.2.1.2, it-tieni paragrafu, it-tieni sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Tali prova xjentifika addizzjonali għandha normalment tkun ibbażata fuq l-istudji meħtieġa mill-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jew minn studji oħra ta' valur ekwivalenti, u tista' tinkludi:".

(12) l-Annessi VIIA, VIIB, VIIC, VIID u VIII għandhom jiġu mħassrin.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta’ Ġunju 2008. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta dawn jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Hija għandha tapplika mill-1 ta’ Ġunju 2008.

Minkejja t-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu, il-punt (6) ta' l-Artikolu 1 għandu japplika minn ...[++].

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Brussell, nhar it-18 ta’ Diċembru 2006.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
*J. BORRELL FONTELLES*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*M. VANHANEN*

# REACH COMPLIANCE IN EU-27

# REACH COMPLIANCE

**REGULATION (EC) No 1907/2006** of the European Parliament and of the Council of 18 December 2006 concerning the Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals (REACH), establishing a European Chemicals Agency, amending Directive 1999/45/EC and repealing Council Regulation (EEC) No 793/93 and Commission Regulation (EC) No 1488/94 as well as Council Directive 76/769/EEC and Commission Directives 91/155/EEC, 93/67/EEC, 93/105/EC and 2000/21/EC.

**DIRECTIVE 2006/121/EC** of the European Parliament and of the Council of 18 December 2006 amending Council Directive 67/548/EEC on the approximation of laws, regulations and administrative provisions relating to the classification, packaging and labelling of dangerous substances in order to adapt it to Regulation (EC) No 1907/2006 concerning the Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals (REACH) and establishing a European Chemicals Agency.

## About B-Lands Consulting

**B-Lands Consulting** provides consultancy services and **LEAP AHEAD®** services designed to help worldwide organisations comply with European Union regulations.

Our company provides business friendly services on the following European Union environmental regulations:

- **REACH** (**R**egistration, **E**valuation and **A**uthorisation of **CH**emicals) legislation
- **ELV / VHU** (**E**nd of **L**ife **V**ehicle:/ **V**ehicules **H**ors d'**U**sage) legislation
- **EuP** (**E**nergy **U**sing **P**roducts) legislation
- **WEEE** (**W**aste **E**lectrical and **E**lectronic **E**quipment) legislation
- **RoHS** (**R**estriction of the use **o**f **H**azardous **S**ubstances) legislation

As some EU compulsory requirements are country specific, such as for the WEEE legislation, our services are designed to adapt and conform to each country's rules and regulations, while serving both business-to-business (B2B) and business-to-consumer (B2C) companies.

We assist our customers in determining proper regulation compliance schemes, including collaborative schemes involving other businesses such as Substance Information Exchange Forums (SIEFs).

## Performed services

B-Lands Consulting offers one-stop EU regulations compliance solutions throughput all 27-EU Member States.

Services include:

- EU relevant regulations monitoring.
- Suppliers chain compliance analysis.
- Information on products labelling and other manufacturer's obligations.
- Analysis of the company products distribution system trough all EU states (Subsidiaries, distributors, retailers).
- Audits on manufactured products, chemical substances & preparations (Classifications, exemption conditions, etc.).
- REACH Compliance requirements, risks assessment reports, substances full registration process
- Design of proposal for cooperation between the client and its EU distributors in any EU member state.
- Conveying products testing through a third party (Testing Labs, certifications)
- Filling of exemptions petitions on behalf of our clients to the European Commission.
- A pan European WEEE registration and recycling service for all 27-EU Member States.
- Handling of all the required paperwork. Contracts, powers of attorney are to be submitted to the client for approval and signature.

**Additional benefits are:**

- The implementation and execution of smooth and on schedule compliance overhauls.
- A single and a consistent corporate solution for all EU compliance requirements.
- A single entry point for reporting to the EU bodies and registries.

**B-Lands Consulting** - 136 rue Stalingrad - 38100 Grenoble - France
Phone: +33 476 702 688 - Fax: +33 476 702 651 - Email: **europa@reach-compliance.eu**
**http://www.reach-compliance.eu**